MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 848/2014

**Jorge DE LAURA rappreżentat mill-mandatarju speċjali tiegħu l-Avukat William Cuschieri**

vs

**TICKET LIMITED** (C-42648)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fit-30 ta' Settembru,2014, li bih ir-rikorrent *nomine* għar-raġunijiet hemm imfissra

talab a) li din il-Qorti taqta’ l-kawza mingħajr smigħ għall-finijiet ta’ l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta; u b) li l-Qorti ssib illi s-soċjeta mħarrka hija debitriċi tal-mandanti tiegħu Jorge de Laura lill-kumpannija attriċi fis-somma ta’ tlieta u għoxrin elf mitejn u għoxrin euro (€23,220) li tirrapreżenta l-import ta’ ordnijiet magħmula mill-attur *proprio* lill-kumpannija imħarrka għal erba’ (4) biljetti għall-kwarti ta’ finali tat-Tazza tad-Dinja, liema ordnijiet tħassru bla raġuni tajba mill-kumpannija mħarrka wara li l-attur *proprio* kien diġa ħallas għalihom u baqa’ ma ngħatax flusu lura; u c) li tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallsu l-imsemmija somma ta’ tlieta u għoxrin elf u mitejn u għoxrin euro (€23,220).  Talab ukoll il-ħlas ta’ l-imgħax legali u l-ispejjez;

Rat illi l-atti tar-Rikors ġew debitament notifikati lill-kumpannija intimata meta ssejħet il-kawża, deher għaliha s-Segretarju tagħha mgħejjuna minn avukat;

Semgħet lill-attur rappreżentant tas-soċjeta atttriċi.

Rat il-provvediment tagħha tal-lum li bih ċahdet it-talba magħmula mill-kumpannija mħarrka b’rikors tagħha tal-31 ta’ Ottubru, 2014, sabiex il-Qorti tissoprasjedi s-smigħ tal-kawża;

Semgħet l-Avukati tal-partijiet;

Rat id-degriet ieħor taghha tas-smigħ tal-lum li bih sabet li l-kumpannija mħarrka ma tathiex raġunijiet tajbin biżżejjed sabiex tħalliha tikkontesta l-kawża;

Eżaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw pruvati;

Fil-kontumaċja tas-soċjeta intimata tiddeċiedi billi:

1) **Tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur *nomine*** u taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ;

2) **Tilqa' it-tieni talba tal-attur *nomine*** u ssib li s-soċjeta mħarrka għandha tagħti lill-attur is-somma ta' tlieta u għoxrin elf mitejn u għoxrin Ewro (€23,220);

3) **Tilqa' it-tielet talba** u tikkundanna lis-soċjeta mħarrka biex tħallas lill-attur *proprio* s-somma ta' tlieta u għoxrin elf mitejn u għoxrin euro (€23,220) rappreżentanti l-import ta' ordnijiet għall-bejgħ ta' biljetti kif fuq ingħad flimkien ma' l-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mis-16 ta' Ottubru, 2014 sal-jum tal-ħlas effettiv.

4) **Tikkundanna** lis-soċjeta mħarrka tħallas ukoll l-ispejjez tal-kawża.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------